*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 2**

**Il-Ħamis 18 ta' Lulju 2024.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-ufficini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Kunsillier
Janice Falzon – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**2.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**2.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 1 li saret Nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju 2024:***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

- ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-6.10pm***

2.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku:**

2.3.1 **Night Club ġo żona residenzjali CM1250/24 935/1840/24/I):**

Is-Sindku beda biex jispjega illi huwa tkellem mas-Supretendent u anke bgħatlu kopja tal-permess tal-istabbilment Osiris. Huwa kompla jispjega illi waħda mir-residenti li qed tilmenta kelmitu u qaltlu li dawn l-aħħar tlett ġimgħat is-sitwazzjoni tjiebet, pero` hija saħqet sabiex is-sitwazjoni tiġi solvuta. Huwa qal illi s-Supretindent qed jikkomunika ma ċertu waħda Alexia mil-MTA rigward il-liċenzja ta' dan l-istabbiliment, iżda in-nies ma jridux illi l-liċenzja tiegħu tkun sal-4.00am għaliex minkejja jekk dan il-ħanut jgħalaq il-bibien fis-1.00am xorta jibqa jopera sal-4.00am u qed jkollom inkonvenjent bl-istorbju u l-inkonvenjent li jsir barra f'dak il-ħinijiet.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni li nistennew risposta mingħand is-Supretendent sal-laqgħa li ġejja u jekk ma jkolniex risposta sodisfaċenti għanda issir konferenza stampa quddiem il-ħanut flimkien mar-residenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa bgħat lil *enforcement unit fil-Planning Authority* u qal li ma kienx kuntent bir-risposta tgħahom għaliex għalkemm dan l-istabbilment għandu il-liċenzja tal-MTA jridu ikollu il-permess tal-planning għal tali użu u ma jassumiex li dan l-istabilemnt ilhu hemmek minn qabel ma ġiet imwaqfa l-planning authority.

Il-Viċi Sindku qalet li l-Osiris ilhu hemmek ħafna żmien li din it-triq kien fijha ħafna stabbilmenti ta' divertiment bħal dan, pero` l-inkonvenjent ma għandux isir.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk il-Puluzija jistgħux jgħamlu ronda wara li dan l-istabbiliment jagħalaq

Is-Segretarju Eżekuttiv semma każ li jafu bih huwa hu li għakemm dan il-ħanut għandu l-permessi kollha mill-awtoritajiet ikkonċernati biex jopera għaliex dan il-ħanut kellhu ac unit li kien jintefa fl-10pm kien qed jikkawża ikonvenjent lir-resident il-Puluzija fetħu kawża kontra dan il-ħanut u allura huwa qal illi l-Puluzija jistgħu jgħamlu l-istess f'dan il-każ.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li ma jistax jinħoloq ikonvenjent lir-residenti għax hemm liġi dwar din.

Is-Sindku qal li jridu jitilu jixhdu r-residenti.

Il-Kunsill qabel li nistennew risposta mingħand is-Supretendent sal-laqgħa li jmiss.

2.3.2 **Dekasteri tal-Kunsilliera:**

Is-Sindku qara d-dekasteri tal-Kunsilliera:

**Sindku – Mario Calleja**
Finanzi, Indafa (ġbir ta' skart domestiku, skart goff, knis tat-toroq u separazzjoni tal-iskart), Douzelage: Ġemellaġġi ma' irħula fl-Unjoni Ewropea u mal-Belt ta' Dujiangyan fiċ-Ċina, Infrastruttura, Trasport Pubbliku u Sigurta'

**Vici Sindku – Janice Falzon**
Proġetti, Ambjent (inkluż iż-żamma ta' spazji naturali u soft areas) u Ħarsien tal-Annimali

**Kap tal-minoranza – John Baptist Camilleri**
Servizzi Pubblici (Energija), Qasam Marritimu u l-Integrazzjoni Soċjali

**Kunsilliera – Beverly Saliba**
L-Arti, il-Kultura (inkluż skemi) u Komunitajiet

**Kunsillier – Dr Patrick Camilleri**
L-Edukazzjoni u l-Innovazzjoni Diġitali

**Kunsillier – Charlot Mifsud**
L-Anzjani u l-Anzjanita Attiva, Edukazzjoni Primarja, Żamma tal-Lattrini Pubblici, Reġjun Nofsinhar u Douzelage

**Kunsillier – Dr Errol Cutajar**
Sports u Attivitajiet Fiżiċi

**Kunsilliera – Celine Camilleri**
Żgħażagħ u Tfal

**Kunsillier – Francis Gilford**
Aċċessibilita' Infrastrutturali, Indafa fil-Bajja ta' San Tumas, Għamara tat-Toroq

**Kunsilliera – Mary Rose Mifsud**
Kalendarju tal-Attivitajiet tas-Sena, Skemi tal-Unjoni Ewropeja u Wirt Storiku

**Kunsillier – Jesmond Abela**
Il-Qasam Soċjali u Kura Primarja

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dekasteri li hemm iktar minn Kunsillier wieħed responsabli, jitlbom li jaħdmu flimkien u ser jkunu infurmati t-tnejn li huma.

2.3.3 **Marsaskala Fottball Club Flus 2022.**

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li l-flus tas-sena 2022 il-Marsaskala Football Club ma ħaduwhomx, u staqsa jekk hux dan il-klabb biss jew kullħadd.

Is-Segrtearju Eżekutiv wieġeb li l-Kunsill kien iddeċieda li għal dik is-sena ma jgħatu lil ħadd minħabba l-ispejjeż tal-Kunsill peress li kienet qed tinbena l-binja amministrattiva tal-Kunsill.

2.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

Ma kienx hemm tweġibiet

**2.5 Rapporti:**

2.5.1 **Quarterly Financial Report April sa Ġunju 2024:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-*quarterly report*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-quarterly report April sa Ġunju 2024 u ssekonda l-Kunsillier Dr Errol Cutajar. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri daħal għal laqgħa fis-6.30pm***

2.5.2 **Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2024/01- Tender for the professional service of a Contracts Manager to the Marsaskala Local Council:**

| **Numru tal-Offerent** | **Offerent** | **Prezz** |
|---|---|---|
| 210637 | Yama Yami | €18,000.00 |
| 210621 | Dr Frank Psaila | €13,061.00 |
| 210611 | Silvio John Farrugia | €32,400.00 |
| 209995 | GCS Accounting Malta Ltd | €25,000.00 |
| 209218 | Luke Cassar | €14,699.99 |

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lista tal-offerenti ta' din is-sejħa u spjega illi l-offerenti kollha kienu complaint u għaldaqstant il-bord qed jirrakomanda lil Dr Frank Psaila għaliex kien l-orħos offerent.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa min huwa responsabbli li jmur *on site* meta jkun hemm xi kuntrattur li mhux qed jaderrixxi mal-kundizzjonijiet tal-kuntartt

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li l-*contracts manager* responsabli u anke għandu id-dritt li jibgħat iktar bil-miktub hu lil kuntrattur u li joħroġlu *default notice*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2024/01 li tingħata favur Dr Frank Psaila u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**2.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;***

Ma kienx hemm items oħra

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura MAryrose Mifsud daħlet għal laqgħa fis-6.45am***

**2.7** ***Korrispondenza:***

**2.7.1. 3 Proposti ta' One way system f'Bellavista.**

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li huwa importanti li dak kollhu li jsir għandu jsir bil-ħsieb tal-problema tad-dħul u ħruġ għal Bellavista.

Il-Perit tal-Perit preżenta 3 proposti ta' *traffic management* u beda biex jispjega l-pjanti.

Il-Kunsill qabel ma option 3 fejn Triq il-Gemmugħa tibqa both ways, Triq Ġebel Ħanxul tinżel biss u it-toroq ta' bejnithom jiġu one way b'mod alternattiv. Triq iż-Żafran issir one way tidħol biss. Kif ikun hemm l-approvazzjoni ta TMalta issir konsultazzjoni pubblika.

**2.7.2 Multa li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala irċieva mill-Wasteserv lir-Reġjun.(35/1820/24/O):**

Is-Segretarju Eżekutiv spjega illi peress li residenti mhux qed jisseperaw sew il-Wasteserv iddeċidew li jimmultaw lir-Regjun tgħhna u l-ammont diviż fuq il-Kunsilli t-total tagħna huwa ta €13,362.

Id-diskussjoni tkompliet bejn il-Kunsilliera.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa ma jaqbilx li Reġjun qabad u ħareġ *invoice* biex jaqsam il-multa bejn il-Kunsilli kollha u ser jikkontesta għaliex jrid jiċċekja jekk fil-kuntratt li ġie iffirmat kienx hemmx imniżżel li multi jitħalsu mill-Kunsill.

**2.7.3 PQ 20629 rigward il-pillbox fi Triq Apap Bologna.(35/1821/24/O)**

Is-Sindku qal li aħna konna infurmati li din il-pillbox hija privata ta' Fino u anke bgħatnilu korrispondenza. Is-Sindku qal li wara li kien iltaqa mas-Sur Conrad Gatt persuna li jitkellem ħafna fuq is-*social media* u anke kien spejgalu u tkelmu fuq dan il-każ, is-Sur Gatt qal kliem dispreġjattiv fuqu u fuq il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud.

Is-Sindku qal li wara li kellhu laqgħa mas-Sur Roderick Vella tal-Lands flimkien mal-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud, qalilhom li din il-pill box hija tal-lands u mhux privata allura ser jagħmlu mezz biex jinġiebu permessi u fondi biex isir restawr.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li jista jkun li ġiet espropjata minn dak iż-żmien l'hawn.

Is-Sindku spejga ukoll illi meta diversi snin ilhu ġiet persuna minn Din l-art ħelwa u talbitu iċ-ċavetta tal-Rihama Battery (tal-Munxar) huwa ħaseb li ser isir xogħol fuqha, fejn qal li kien tah iċ-ċavetta u huwa baqa jassumi li din taqa taħt Din l-Art ħelwa. Huwa kompla spjega li bgħat lis-Sur Martin Bajada sabiex jikkonferma jekk din hux tagħhom u jekk u hekk jridu jgħamlu *retaining wall* fil-baħar għax ser taqa.

Il-Viċi Sindku qalet li darba kien hemm *emergency fund* minn *Infrastructure Malta* li kienu ser jirrenġawa, iżda minfloka kienu irrestawraw x'imkien ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa l-Għassa l-antika taħt min taqa.

Il-Vċi Sidku wieġbitu li taqa taħt il-Lands.

**2.7.4 Proposta ta' Renewable Energy Investment in Road and Public Spaces mill Public works department. (35/1734/24/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jintużaw fondi fuq investiment tal-enerġija sabiex idawlu il-bankina ta Triq ir-Ridott li jaħdmu bil-pannelli min-naħa tal-*works division*.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri li li hemm hekk hemm dawl u huwa tal-opinjoni li minflokk jsiru fi Triq il-Blajjiet peress li hemmek ma hemm xejn dawl.

Il-Kunsill qabel li nitolbu sabiex nistaqsuhom sabiex minflokk isiru dawl bil-pannelli fi Triq il-Blajjiet.

**2.7.5 Smart waste depot fir-Ramla ta' San Tumas (35/1510/24/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil dan kien proġett fuq rimi ta' skart tar-ristoranti ġo skips apposta fir-Ramla u fl-opinjoni tiegħu din tmur kontra diversi liġijiet peress li ristorant jrid jkollu *swill room* u anke kuntrattur.

Il-Kunsill qabel li jirtira minn din l-applikazzjoni li jinġabarlu l-iskart.

**2.7.6 Proposta ta' one way system f'bellavista u dog friendly beach fir-ramla (Perit tal-Kunsill ser ikun prezenti biex jispjega) (35/1442/24/I):**

Fir-rigwrad tal-*one way system* din diġa ġiet diskussa iktar kmieni f'din is-seduta.

Il-Perit spjega li jsir taraġ u floating platform sabiex jkun iktar aċċessibli għal *dog friendly beach* pero` dawn jistgħu jinqalgħu u jiġu storjati ġo post ieħor.

Il-Viċi Sindku qalet li jista jintuża l-*framework agreement* tal-*public works*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*framework agreement* jintuża għal proġetti kbar għaliex kif appena il-Perit tal-Kunsill ser jgħamel il-BOQ dan il-proġett jmur għand il-*works division* u kull emendi jsiru mil-Perit tal-*works division* u ma nkunux infurmati u għaldaqstant il-Perit tal-Kunsill għandu jkun involut tul l-implementazzjoni tal-proġetti.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa jekk it-taraġ jiżżarmax ukoll.

Il-Viċi Sindku wieġbet li iva.

**2.7.7 Traffic sign Sunday church area (35/1492/24/O):**

Is-Sindku spjega li din it-talba qeda sabiex kull nhar ta' Ħadd Triq Dun Frans Bianco issir *one way*.

Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta għaliex traffic managment ma jsirx għal ġurnata.

**2.7.8 Risposta tal-Kunsill fil-kawza kostituzjonali miftuha mis-Sur Patrick Guntrip fir-rigward tal-estensjoni tal-pompa tal-Petrol fi Triq Sant Antnin**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil Kunsilliera eletti ġodda għaliex il-Kunsill kien oġġezzjona minħabba li l-kuntrattur kien fetaħ kawża kostizzjonali.

**2.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 63:**

**2.8.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament 6278 jekk il-*Contracts Manager* tal-GCS għadux jaħdem jew waqaflu l-kuntratt

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li iva minn għada ser jibda il-proċess għal implementazjoni tal-contracts manager il-ġdid

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar issekondat. Il-votazzjoni kienet 11 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**2.9 Mozzjonijiet:**

**2.9.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier-Is-Sur Francis Gilford u issekondata mis-Sindku (Nru 001 – 9/7/24):**

*"Wara diversi lmenti li irċevejt minn residenti li jifrekwentaw ir-ramla ta' San Tumas, qiegħed nipproponi li jsiru zewġ sleeping policemen. Waħda qabel iz-Zion u oħra qabel il-Legends."*

Kien hemm qbil unanimu li jiġu nstallati qabel l-islipway ta quddiem il-Legends u qabel il-moll ta' quddiem ir-ramla.

Il-Kunsillier is-Sur john B Camilleri ġibed l-attenzjoni illi l-*isleeping policeman* li qed nużaw mhux ta kwalita` tajba.

Il-Kunsill qabel li nitolbu lil Koptasin jbiddel it-tip ta' *sleeping policeman* li qed jagħtina

2.9.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier-Is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (Nru 002 – 9/7/24):</u>**

*"Jipproponi li nbidlu il-wiċċ ta bankina peress li il-madum niżel u qed ikun ta periklu fi Triq iz-Zonqor faċċata tal- ex Awwista Restaurant."*

Kien hemm qbil li nirranġaw il-madum fejn niżel.

2.9.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier-Is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (Nru 003 – 9/7/24):</u>**

*"Jipproponi li tiġi diskussa is-sitwazzjoni għal fanali ornamentali fi Ġnien Sant Anna."*

Kien hemm qbil li tinġib stima bħal fanal li hemm ħdejn il-funtana fi Ġnien Sant Anna li tpoġġa bħala prova u il-bdil ta dawn il-fanali jinqasam fi tlett partijiet.

2.9.4 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier-Is-Sinjura Beverly Saliba u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri (Nru 004 – 9/7/24):</u>**

*"Tipproponi peress li r-rizultat tal aħħar elezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala kien ta' 47% mir-residenti li ħarġu jivvuttaw. Importanti lir-residenti jkollhom aktar fiduċja fil-kunsill u nixtieq li din is-sitwazzjoni tkun indirrizatha billi*

*a) Nahdmu fuq pjan ta' Strateġija biex naraw li proposti mwegħda jiġu implimentati sa' l-aħħar ta' din il-leġistratura;*

*b) kif ser naħdmu biex aħna l-kunsilliera jkollna track record u ntejbu s-sistema ta' fejn jidħlu u fejn waslu l-ilmenti jew il-proposti tar-residenti*

*Għalhekk qegħda nirrekomanda li ssir diskussijoni u anke żviluppati azzjonijiet''.*

Kien hemm qbil li jiġi ffurmat sotto kumitat kompost mill-Kunsilliera Beverly Saliba, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, l-Kunsillier Jesmond Ablela u l-Kunsillier is-Sur Francis Gilford u l-informazzjoni li trid titella fuq il-paġna ta facebook jgħadduha lil Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon.

2.9.4.1 Kien hemm diskussjoni sabiex il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon jkolla l-editorial rights sabiex tkun tista ittella post fuq il-paġna tal-Kunsill u għaldaqsta kull Kunsillier li jrid jtella xi ħaġa fuq il-paġna għandu jgħaddi l-informazzjoni lilha. Fir-rigwrad ta ilment u affarijiet amministatjali li jitellaw fuq il-paġna tal-Kunsill tibqgħa tieħu ħsibhom is-Sinjura Rebecca Micallef

Kien hemm qbil dwar dan.

2.9.5 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier-Is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (Nru 005 – 9/7/24):</u>**

*"Jipproponi li niktbu lil Janice Borġ ta IM sabiex ikun installat lakstu apposta għal min jitrakka mal-moll ta Triq San Ġorg.''*

Kien hemm qbil li jiġi nstallat fender kif kien propost u għandna nibgħatulhom reminder.

Il-Kunsillier John b Camilleri spjega li din is-sena is-sellum ma twaħħal u jekk jaqa xi ħadd minn fuq dagħjsa ma għandux minn fejn jitla u jista jereq. Huwa kompla jispjega li jwaħlux slielem. Huwa qal li s-sellum għandu jeħel u jwaħlu tabella li għawn mhux permezz

**2.9.6** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier-Is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (Nru 006 – 11/7/24):</u>**

*"Jipproponi li fit-Triq iż-Żonqor fejn irranġaw it-taraġ nerġgħu nagħmlu puġġaman bħal ma kien hemm min fuq sa isfel.''*

Kien hemm qbil dwar dan

**2.9.7** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku u issekondata mill-Kunsillie Is-Sinjura Mary Rose Mifsud (Nru 007 – 15/7/24):</u>**

*"Jipproponi sabiex jinxtara il-container tal-Bava li hemm fil-preżent fi Ġnien Sant'Anna biex jintuża bħala store għal prezz ta' €3000 eskluż il-vat.''*

Is-Sindku qal li hemm il-possibilita ukoll li anke inqas minn €3000 hemm ċans li nixtruh.

Kien hemm diskusjoni li important li ma jkunx eye sore.

Kien hemm qbil li qabel ma nixtruh inġibu d-DNO tiegħu.

**2.9.8** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba (Nru 008 – 15/7/24):</u>**

*''Tipproponi jekk għaniex nikkunsidraw jekk għandnix noġġezzjonaw għal din il-proposta ta' bini li ser ssir fil-bidni PA 0651022.''*

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba staqsiet jekk bħala Kunsill kienx oġġezzjona.

Is-Segretarju Eżeuttiv wieġiba li l-Kunsill kien oġġezzjona pero huwa saħaq li biex tingħata importanza tal-oġġezzjoni dejjem jrid jiġi mqabbad Perit u għalhekk saħaq li ir-residenti jridu jqabdu Perit u joġġezzjonaw.

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal li anke hu personali oġġezzjona.

Din il-mozzjoni ġiet irtirata peress li l-permess ħareġ għaliex l-iżviluppatur rebaħ l-appell.

**2.9.9** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Francis Gilford u issekondata mis-Sindku (Nru 009 – 15/7/24):</u>**

*"Wara diversi ilmenti rigward rampa ta' disabilta' li hemm fuq is-simenta fejn issir il quddies, il-rampa wieqfa u l-qlib tagħha mhux tajjeb u anke inqalbu xi nies bis-siġġu tar-roti,qiegħed jipproponi li tiġi eliminata u minflok persuna bis-siġġu tar-roti tista liberament iddur mit-triq.''*

Kien hemm qbil dwar dan.

**2.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 20 ta' Awwissu 2024 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 18 ta' Lulju 2024.

______________ ______________

**Josef Grech**
**Segretarju Ezekuttiv**

**Mario Calleja**
**Sindku**

Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 2 id-Disa Leġislatura